TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1276

KAZ NRU. 1549

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Jennifer Reuillier
u
Special Interest Travel Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 15 ta' April 2002

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 10 ta' Lulju 2001 b'referenza MSP/TI/45/2001 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 5 seduti.

Jennifer Reuillier, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukat Malcolm Mifsud u Special Interest Travel Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija" kienet rapprezentata minn Mario Balzan Demajo u Michael Camilleri Kamsky assistiti mill-Avukat Pierre Lofaro.

L-appellant ikkontendiet li tkecciet ingustament ghax kellha tieqaf mix-xoghol lejn l-ahhar tat-tqala u ma nghatatx il-Maternity Leave li kellha dritt ghalih skond il-ligi.

L-Kumpanija sostniet li l-appellant kienet irrizenjat. Dan ghaliex xi zmien qabel it-terminazzjoni tat-tqala kienet infurmat zewg diretturi li kienet se tieqaf mix-xoghol peress li kienet tqila. Meta staqsewha jekk kienetx se titlaq habta u sabta wiegbet li kienet se tibqa tahdem sa kemm ma tkunx tiflah aktar. Dawn fehmu li l-appellant ma kienetx se tirritorna ghax xoghol wara t-twelid tat-tarbija tant li minnufih bdew ifittxu li jimpjegaw lil haddiehor minflokha.

Is-sostanza ta dan il-kaz hu jekk l-appellant fil-fatt kienetx irrizenjat.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrizulta li :

- f'Novembru 2000 l-appellant infurmat lil wiehed mid-diretturi li kienet harget tqila.
- f'Jannar 2001 saret laqgha bejn l-appellant u zewg diretturi fejn il-partijiet ma jaqblux x'intqal ezatt – il-Kumpanija tghid li l-appellant semmiet waqfien mix-xoghol li fehmu kien se jkun ta' natura permanenti waqt li hi ssostni li qalet li se tibqa tahdem sa ma tkun tiflah imbaghad tiehu l-Maternity Leave.
- fil-21 ta' Marzu 2001 l-appellant kitbet lill-Kumpanija li kienet qed tapplika ghall-Maternity Leave mill-1 ta' Mejju 2001.
- fit-30 ta' April 2001 l-Kumpanija kitbet lill-appellant fejn infurmatha li kienet qed taccetta r-rizenja taghha skond ma kienet qalet lid-diretturi fil-laqgha ta' Jannar 2001.

Hemm diskrepanzi fix-xhieda ta' Mario Balzan Demajo, Michael Camilleri Kamsky, (diretturi tal-Kumpanija), Joseph Battistino, Helen Grima, (impjegati tal-Kumpanija), Christopher Martin u l-appellant. Fil-parti l-kbira dawn jikkoncernaw id-diskors li ntqal dwar rizenja u/jew Maternity Leave u l-interpretazzjoni li taw lil tali diskors.

Gew stabbiliti dawn il-fatti :

- l-appellant kienet impjegata tajba u kienet taqdi dmirijietha sewwa.
- fil-laqgha ta' Jannar 2001 ma ssemmietx il-kelma rizenja izda sar diskors fis-sens li l-appellant kellha tieqaf mix-xoghol aktar il-quddiem minhabba tqala.
- id-diretturi fehmu li l-appellant ma kienetx se tirritorna ghax-xoghol wara t-twelid tat-tarbija izda ma talbux konferma ta' dan u l-anqas staqsew jekk kienetx se tiehu l-Maternity Leave.
- l-Kumpanija b'diet tfittex biex timpjega xi hadd minflok l-appellant izda baqghet ma impjegat lil hadd.
- ghall-habta ta' Marzu/April 2001 l-Kumpanija kienet f'diskussjonijiet ma kumpanija Franciza, wahda mill-klijenti principali taghha, minhabba xi diffikultajiet bil-possibilta' li titlef dan ix-xoghol u sussegwentement tilfitu.
- xi granet qabel ma baghtet l-ittra fejn talbet il-Maternity Leave l-appellant kienet intalbet minn Joseph Battistino biex tiffirma ittra ta' rizenja izda hi rrifjutat.
- aktar minn hames gimghat wara li l-appellant talbet l-Maternity Leave il-Kumpanija infurmatha li qed taccetta r-rizenja taghha.

It-Tribunal kemm il-darba, anke kif diversament presedut, ghamel hafna enfasi li t-terminazzjoni ta' mpieg hi haga tant gravi li ghandhom isiru dawk il-proceduri rikjesti li jiggustifikaw tali azzjoni.

F'dan il-kaz hemm dubji serji jekk l-appellant irrizenjatx jew le. Hemm xhieda favur u kontra t-tezi ta' rizenja. Il-Kumpanija naqset li taccerta ruha mill-pozizzjoni attwali fiz-

zmien propizju. Izda hemm dokument (l-ittra ta' l-appellant tal-21 ta' Marzu 2001) li juri li meta l-appellant intalbet biex tiffirma ittra ta' rizenja hi mill-ewwel indikat li kien bi hsiebha tibqa tahdem wara li tiehu l-Maternity Leave. Il-Kumpanija ma wegbitx ghal din l-ittra minnufih izda kwazi sitt gimghat wara, u lejliet li l-appellant kellha tibda l-Maternity Leave, infurmatha li kienet qed taccetta l-allegata rizenja taghha. It-Tribunal ma jqisx li din kienet procedura korretta minn naha tal-Kumpanija.

Barra minn hekk minghajr prova konklusiva li kien hemm rizenja minn haddiem it-Tribunal ma jistghax jaccetta terminazzjoni ta' mpieg ghal din ir-raguni partikolarment fejn din hi kontestata, ma hemmx ittra ta' rizenja u hemm ittra li tindika li l-appellant kellha hsieb li tkompli fl-impieg.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li ma kienx hemm raguni gusta u sufficienti ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant.

Wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal jordna li l-Kumpanija thallas kumpens ta' Lm 1500 (elf u hames mija liri Maltin) lill-appellant fi zmien tletin gurnata mill-lum.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk item din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg-Cardona
Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja